MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Numru 460/2004

**Il-PULIZIJA**
**SPETTUR JESMOND J BORG**

**VS**

**JOSEPH MERCIECA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Mercieca, ta' 52 sena, bin Francis u Catherine nee' Zahra, imwieled Hal-Luqa, nhar l-10 ta' Marzu, 1951, residenti fil-fond numru 78, Triq Guzeppi Ellul, Luqa, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 299 451 (M);

1. Akkuzat talli nhar l-14 ta' Mejju, 2001, u/jew matul is-snin/shur, precedenti, bhala propretarju u/jew amminstatur tal-Quarry number 11, tal-Harruba, limiti tas-

Siggiewi, Siggiewi, b'diversi azzjonijiet maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, kisser il-gumni tas-servizz elettriku, u cioe' tal-meter tad-dawl installat fl-imsemmi fond u b'mezzi qarrieqa sabiex ikollu l-uzu jew konsum elettriku jew li bihom seta' jwaqqaf u jbiddel il-kejl jew marker fl-istess meter tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata, ikkommetta serq tal-kurrent elettriku li jammonta ghal Lm1,589.52, liema serq huwa aggravat bil-mezz u hin, u dan ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

2. Barra minn dan akkuzat ukoll talli, matul l-istess perjodu, ikkaguna hsara volontarja fl-istess meter.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 266, 267, 270, 278, 279, 280, 28, 18, 20, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Joseph Mercieca hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena (1) mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------